Nru. 17,960
Prezz Lm1.28ċ
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 25 ta' Awissu, 2006
Friday, 25th August, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 735

ĦATRA TAL-KUMMISSJONI ELETTORALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 60 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7(2) ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, ħatar lill-persuni li ġejjin biex ikunu membri tal-Kummissjoni Elettorali taħt iċ-*Chairmanship* tal-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali:-

Is-Sur Joseph Buttigieg
Is-Sur Mario Callus
Dott. Anna Felice
Is-Sur Henry Distefano
Is-Sur Salvu Fenech
Is-Sur Vanni Ganado
Is-Sur Salvu Sant
Is-Sur Tony Sultana

Dawn il-ħatriet huma għal perijodu ta' tliet snin b'seħħ mit-30 ta' Awissu, 1996.

Il-25 ta' Awissu, 2006
(OPM 453/50/II)

GOVERNMENT NOTICES

No. 735

APPOINTMENT OF THE ELECTORAL COMMISSION

IT is hereby notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, in accordance with the provisions of Section 60 of the Constitution of Malta and Section 7(2) of the General Elections Act, 1991, has appointed the following persons to be members of the Electoral Commission under the Chairmanship of the Chief Electoral Commissioner:-

Mr Joseph Buttigieg
Mr Mario Callus
Dr Anna Felice
Mr Henry Distefano
Mr Salvu Fenech
Mr Vanni Ganado
Mr Salvu Sant
Mr Tony Sultana

These appointments are for a period of three years with effect from 30th August, 2006.

25th August, 2006

Nru. 736

BORD TA' L-ARMI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għoġbu japprova li l-Bord ta' l-Armi skond l-Artikolu 49 ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480) ikun kostitwit kif ġej għal sentejn mis-16 ta' Awissu, 2006.

Chairman
Il-Brigadier John Spiteri (Rrt)

No. 736

WEAPONS BOARD

IT is notified for general information that the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has been pleased to approve that the Weapons Board will be constituted as follows in terms of Regulation 10 of Article 49 of the Arms Act (Cap. 480) for a period of 2 years from the16th August, 2006.

Chairman
Brig. John Spiteri (Retd)

Membri
Is-Sur Sandro Zarb
Is-Sur Jesmond Cassar
Ms Louise Grech
Is-Sur George Galea
Is-Sur Stephen Petroni
Is-Sur Paul Libreri
Is-Sur Saviour Portelli
Is-Sur Anthony Mifsud

Segretarja
Ms Rowna Baldacchino

Il-25 ta' Awissu, 2006

Members
Mr Sandro Zarb
Mr Jesmond Cassar
Ms Louise Grech
Mr George Galea
Mr Stephen Petroni
Mr Paul Libreri
Mr Saviour Portelli
Mr Anthony Mifsud

Secretary
Ms Rowna Baldacchino

25th August, 2006

Nru. 737

'WARRANT' MILL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja, ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Pulizija
Spettur Simon Galea — Spettur Mario Spiteri

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Is-Sur Saviour J. Stellini — Is-Sur Edwin Abela

Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika
Dott. Gordon Cordina, Ph.D.

B'Awtorità

TONIO BORG
Viċi Prim Ministru u
Ministru tal-Ġustizzja
u l-Intern

Il-25 ta' Awissu, 2006
(MJHA/144/2003/IV)

No. 737

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Police
Inspector Simon Galea — Inspector Mario Spiteri

Ministry of Foreign Affairs
Mr Saviour J. Stellini — Mr Edwin Abela

National Statistics Office
Dr Gordon Cordina, Ph.D.

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister
and Minister for Justice
and Home Affairs

25th August, 2006

Nru. 738

KUMITAT TA' L-ISKEDAR TA' L-AJRUPORT

SKOND regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Assenjar ta' *Slots* fl-Ajruport ngħarrfu b'din li l-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni ħatar lill-persuni li ġejjin biex ikun kostitwit il-Kumitat ta' l-Iskedar ta' l-Ajruport għal perijodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2006:-

Chairman
Is-Sur Peter Bolech

Membri
Is-Sur Anthony Gatt
Is-Sur Sandro Tonna
Is-Sur James Stagno Navarra
Is-Sur Michael Muscat
Is-Sur Gordon Ransley

Membri Sostituti
Is-Sur George Borg Marks
Is-Sur Jason Formosa
Is-Sur Martin Zammit
Is-Sur J Xuereb
Is-Sur Malcolm Camilleri

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 738

AIRPORT SCHEDULING COMMITTEE

IN terms of regulation 4 of the Allocation of Slots at Airport Regulations, 2001, it is hereby notified that the Minister for Competitiveness and Communications has appointed the following persons to constitute the Airport Scheduling Committee for one year from 1st January 2006:-

Chairman
Mr Peter Bolech

Members
Mr Anthony Gatt
Mr Sandro Tonna
Mr James Stagno Navarra
Mr Michael Muscat
Mr Gordon Ransley

Alternate Members
Mr George Borg Marks
Mr Jason Formosa
Mr Martin Zammit
Mr J Xuereb
Mr Malcolm Camilleri

25th August, 2006

Nru. 739

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri fil-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jaraw il-kompetenza ta' persuni li jridu jaħdmu bħala fotografi.

Chairperson
Kevin Casha

Membri Tekniċi
Stephen Vella
Reuben M. Buttigieg

Rappreżentant ta' l-ETC
Colin Borg Ginger

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 739

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competence of persons wanting to work as photographers.

Chairperson
Kevin Casha

Technical Members
Stephen Vella
Reuben M. Buttigieg

ETC Representative
Colin Borg Ginger

25th August, 2006

Nru. 740

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri fil-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jaraw il-kompetenza ta' persuni li jridu jaħdmu bħala *Accounting Technicians*.

Chairperson
Hilary Galea Lauri

Membri Tekniċi
Helen Meli Attard
Emmanuel Farrugia

Rappreżentant ta' l-ETC
Jean Pierre Meilaq

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 740

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competence of persons wanting to work as Accounting Technicians.

Chairperson
Hilary Galea Lauri

Technical Members
Helen Meli Attard
Emmanuel Farrugia

ETC Representative
Jean Pierre Meilaq

25th August, 2006

Nru. 741

ATT DWAR SERVIZZI POSTALI
(KAP. 254)

Bolli tal-Pustaġġ ma Jiswewx Iżjed Bħala Ħlas bil-Quddiem ta' Pustaġġ
***Self Adhesive Booklet* (Stampat fl-2003)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 (2) ta' l-Att dwar Servizzi Postali, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni jordna illi *self adhesive booklet* (stampat fl-2003) li fih bolli ta' pustaġġ ta' valur ta' 7ċ u 16ċ mhumiex se jiswew iżjed bħala ħlas bil-quddiem ta' pustaġġ minn nhar it-Tnejn, it-28 ta' Awissu 2006 u wara. Kull oġġett postali li jkollu fuqu bolli tal-pustaġġ li jkunu ġew hekk dikjarati mhux validi, jitqies li mhux imbullat kif imiss għall-fini ta' dan l-Att dwar Servizzi Postali.

Iżda kull persuna li jkollha fil-pussess tagħha xi bolli hekk invalidati kif intqal qabel, tista' f'kull żmien sa xahrejn wara d-data msemmija hawn fuq, tikkonsenjahom lill-Maltapost plc, li għandha tibdilhomlha ma' bolli oħra validi ta' l-istess valur.

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 741

POSTAL SERVICES ACT
(CAP. 254)

Postage Stamps No Longer Valid for Prepayment of Postage
Self Adhesive Stamp Booklet (Printing Date 2003)

IN exercise of the powers conferred by section 36 (2) of the Postal Services Act, the Minister for Competitiveness and Communications directs that the Self Adhesive Booklet (Printing date 2003) containing postage stamps of denomination value of 7c and 16c shall no longer be valid for prepayment of postage from and after Monday, 28th August 2006. Any postal articles with postage stamps so invalidated shall be deemed not duly stamped for the purpose of the Postal Services Act.

Provided that any person having in his possession any postage stamps hereby invalidated may at any time within two months after the date stated above surrender the same to Maltapost plc who shall exchange them for other valid postage stamps on an equal value.

25th August, 2006

Nru. 742

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-ISTANDARDS

Disposizzjonijiet Ġodda fuq Restrizzjonijiet ta' *Marketing* ta' Sustanzi Perikoluż

SKOND id-disposizzjonijiet tal-punt 29 ta' l-Ewwel Skeda tad-*Dangerous Substances and Preparations (Restrictions) Regulations, 2003* (A.L. 346 ta' l-2003), il-lista ta' sustanzi kklassifikati bħala kanċeroġeni, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni, fl-1 u t-2 kategorija għandhom, mill-24 ta' Awissu 2007, jinkludu s-sustanzi elenkati fid-Direttiva 2005/90 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Lista konsolidata tas-sustanzi kklassifikati bħala kanċeroġeni, mutoġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni, fl-1 u fit-2 kategorija, tista' tinkiseb mid-Direttorat ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel, Kimiċi u Kosmetiċi ta' l-Awtorità Maltija dwar l-Istandards, skond ir-regolament 5(1) tad-*Dangerous Substances and Preparations (Restrictions) Regulations, 2003* (A.L. 346 ta' l-2003).

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 742

MALTA STANDARDS AUTHORITY

New Provisions on Marketing Restrictions of Dangerous Substances

IN accordance with the provisions of point 29 of the First Schedule of the Dangerous Substances and Preparations (Restrictions) Regulations, 2003 (L.N. 346 of 2003), the list of substances classified as carcinogenic, mutagenic or toxic for reproduction, in categories 1 and 2, shall, as from 24th August 2007, include the substances listed in Directive 2005/90 of the European Parliament and of the Council.

A consolidated list of substances classified as carcinogenic, mutagenic or toxic for reproduction, in categories 1 and 2, may be obtained from the Foodstuffs, Chemicals and Cosmetics Directorate of the Malta Standards Authority, in accordance with regulation 5(1) of the Dangerous Substances and Preparations (Restrictions) Regulations, 2003 (L.N. 346 of 2003).

25th August, 2006

Nru. 743

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ħamis, il-21 ta' Settembru 2006, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mit-3.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 743

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Thursday, 21st September 2006, from 3.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of the Office of the Prime Minister.

25th August, 2006

Nru. 744

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Settembru 2006, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Corinthia Event Catering.

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 744

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Wednesday, 13th September 2006, from 9.00 a.m. to 5.00 p.m., the Lower Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of the Corinthia Event Catering.

25th August, 2006

Nru. 745

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ħamis, is-7 ta' Settembru 2006, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' l-HSBC Sports and Social Activities Committee.

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 745

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Thursday, 7th September 2006, from 4.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of HSBC Sports and Social Activities Committee.

25th August, 2006

Nru. 746

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifika ta' Konċentrazzjoni

Id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta skond ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 ta' l-2002 jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi saret u ġiet aċċettata nhar il-Ġimgha, il-11 ta' Awissu, 2006 in-notifika tal-konċentrazzjoni bejn Ansaldo Energia S.p.a u Thomassen Turbine Systems B.V.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn Ansaldo Energia S.p.a bħala sussidjarja ta' Finmeccanica S.p.a ta' l-ishma f' Thomassen Turbine Systems B.V.

Is-settur ekonomiku affettwat huwa ta' manifattura u/jew servizzi konnessi ma' prodotti fis-settur ta' l-enerġija.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex bil-kitba jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom għall-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet għandhom jaslu lill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika fil-Gazzetta tal-Gvern f'dan l-indirizz:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni,
Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust,
Triq il-Kanun,
Sta Venera CMR02
Malta

Il-21 ta' Awissu, 2006

No. 746

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

The Director of the Office for Fair Competition in terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in the Legal Notice 294 of 2002 notifies for general information that the notification of a concentration between Ansaldo Energia S.p.a and Thomassen Turbine Systems B.V. has been filed and accepted on Friday 11 August 2006.

The nature of the concentration is the acquisition by Ansaldo Energia S.p.a as a subsidiary of Finmeccanica S.p.a of the shares in Thomassen Turbine Systems B.V.

The economic sector affected is that of the manufacture andċor services connected to products used in the energy sector.

The Director invites interested third parties to submit their written observations on the notified concentration.

Such observations should reach the Office for Fair Competition within seven days following publication of this Notification in the Government Gazette to:

Consumer and Competition Division,
Office for Fair Trading,
Cannon Road,
Sta Venera CMR02
Malta

21st August, 2006

Nru. 747

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/179/06

It-28 ta' Lulju 2006

Deċiżjoni fuq akkwist skond regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidrajt n-notifika tat-30 ta' Ġunju 2006 ai termini tar-regolament 5 ta' l-A.L. 294 ta' l-2002;

Wara li kkunsidrajt il-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ta' l-2002 (A.L. 294 ta' l-2002);

Wara li kkonsidra *Commission Notice on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under Council Regulation EC No. 139/2004*.

Il-Fatti

1. Fit-30 ta' Ġunju Dott. Conrad Portanier f'isem Arla Foods Holding A/S tad-Danimarka u Tholstrup International B.V. ta' l-Olanda nnotifika lil l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta (aktar 'l isfel imsejħa UKG) b'akkordju konċernanti bejgħ u xiri ta' ishma illi b'permezz tiegħu Arla Foods Holding A/S (aktar 'l isfel imsejħa Arla), għandha takkwista l-kontroll dirett ta' Tholstrup International N.V (aktar 'l isfel imsejħa Tholstrup).

2. L-intavolar u l-aċċetazzjoni ta' tali notifika ġie mgħarraf lill-pubbliku b'permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 17,939 nhar l-4 ta' Lulju 2006 u avviż li ġie ppubblikat f'gazzetta lokali fis-6 ta' Lulju 2006.

Il-Partijiet

3. L-intrapriża illi notifikat t-tranżazzjoni suespost hija kooperativa mwaqqfa fis-sena 2000. Hija attiva fil-prodotti ġenerali tal-ħalib, li jinkludu x-xiri ta' ħalib mhux ipproċessat, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' ħalib frisk u ħalib abjad *long-life* (UHT), ħalib b'togħma miżjuda, krema, prodotti magħmulin mill-ħalib iffermentati, diżerti, *yellow fats*, spettru wiesa' ta' ġobnijiet, trab tal-ħalib, ingredjenti, *juice*, sopop, *sauces*, u ikel għat-trabi. Arla Foods għandha *production plants* fid-Danimarka, l-Isvezja, ir-Renju Unit, is-Saudi Arabia, l-Arġentina, il-Brażil, il-Polonja, l-Istati Uniti u l-Kanada.

No. 747

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/179/06

28 July 2006

Decision on acquisition in terms of regulation 12(4) of Regulations on Control of Concentrations (L.N. 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the notification of 30 June 2006 pursuant to regulation 5 of Regulations on Control of Concentrations 2002

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 (L.N. 294 of 2002);

Having considered Commission Notice on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under Council Regulation EC No. 139/2004

Facts

1. On 30 June 2006 Dr Conrad Portanier on behalf of Arla Foods Holding A/S of Denmark and Tholstrup International B.V. of the Netherlands notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as "OFC") with a Share Sale and Purchase Agreement, whereby Arla Foods Holding A/S (hereinafter referred to as "Arla"), is to acquire direct control of Tholstrup International N.V (hereinafter referred to as "Tholstrup").

2. The filing and the acceptance of such notification was notified to the public through a public notice in the Government Gazette number 17,939 on 4 July 2006 and a notice that appeared in a local newspaper on 6 July, 2006.

Parties

3. The Notifying Party is a Danish cooperative established in 2000. It is active in all standard dairy products including the purchase of raw milk, the production and sale of fresh and white long life (UHT) milk, flavoured milk, cream, fermented milk products, desserts, yellow fats, a wide range of cheeses, milk powder, ingredients, juice, soups and sauces and baby food. The Arla Foods group has production plants in Demark, Sweden, the UK Saudi Arabia, Argentina, Brazil, Poland, USA and Canada.

4. Tholstrup hija produttriċi Daniża tal-prodotti tal-ħalib u għaġin. L-attività prinċipali tagħha hija l-produzzjoni u l-bejgħ ta' ġobnijiet *delicatessen,* illi jirrapreżentaw 85% tat-*turnover* mondjali. L-attività tal-kummerċ ta' l-għaġin jirrappreżenta 15% tat-*turnover* ta' Tholstrup. Tholstrup għandha t-tikketti tagħha kemm fil-ġobon frisk u fis-suq tal-*moulded cheeses*, kif ukoll, fis-settur tal-pasta. Il-prodotti huma mibjugħin primarjament fit-tramuntana ta' l-Ewropa li huwa s-suq prinċipali ta' Tholstrup. Tholstrup għandha bejgħ ukoll fl-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Ġappun, kif ukoll fil-bqija ta' l-Ewropa. Tholstrup ma tbiegħ l-ebda prodott f'Malta u mgħandha l-ebda operat f'Malta.

Konċentrazzjoni Notifikabbli

5. It-tranżazzjoni notifikata li permezz tagħha l-intrapriża illi nnotifikat it-tranżazzjoni suespost qiegħda takkwista kontroll dirett ta' Maltacom plc, hija konċentrazzjoni skond regolament 2(d) (ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

6. Regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li diġà jikkontrollaw mill-anqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ jew ta' partijiet minnhom.

7. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist ta' kontroll dirett minn Arla Foods Holding A/S ta' Tholstrup International N.V b'permezz ta' akkordju.

***Threshold* li jiskatta l-obbligu ta' Notifika**

8. It-*turnover* ta' l-intrapriżi parti f'din it-tranżazzjoni fis-sena finanzjarja preċedenti qabżet it-*turnover* totali kkontemplata mir-regolament numru 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

Proċedura Simplifikata

9. Wara eżami tan-notifikazzjoni, id-Direttur kien sodisfatt li l-konċentrazzjoni taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet , 2002 u regolament 12(1) (ii) illi jgħid hekk:

Il-proċedura simplifikata għandha tkun tapplika għal dawn il-kategoriji ta' konċentrazzjonijiet li ġejjin li jitqiesu li ma jqajmux dubji serji dwar il-legalità tagħhom skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba d-Direttur f'każijiet eċċezzjonali u minħabba li l-kundizzjonijiet ekonomiċi li jappartjenu għas-suq u għall-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunx iqis xort'oħra

(ii) meta żewġ intrapriżi jew aktar jamalgamaw, jew intrapriża waħda jew aktar takkwista kontroll uniku jew

4. Tholstrup is a Danish producer of dairy products and fresh pasta. Its main activity is the production and sales of specialty cheeses, representing 85% of its worldwide turnover. The fresh pasta activity represents 15% of the said turnover. Tholstrup has its own brands as well as private labels both in the fresh and moulded cheese categories, as well as, in the pasta sector. Products are sold mainly in Norther Europe, which is Tholstrup's primary market, but also in the USA, Australia and Japan and the rest of Europe. Tholstrup does not sell any of its products in Malta and has no operations in Malta.

Notifiable Concentration

5. The notified operation whereby the Notifying Party acquires direct control of Maltacom plc, is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations.

6. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

7. In this case, the proposed concentration is the acquisition of direct control by Arla of Tholstrup by means of a contract.

Threshold for Notification

8. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that set out in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Simplified Procedure

9. After examination of the notification, the Director has concluded that the notified concentration falls within the scope of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 and of regulation 12(1)(ii) thereof whereby it is provided that:

"The simplified procedure will apply to the following categories of concentrations that are deemed not to raise serious doubts as to their legality in terms of the provisions of these regulations, unless the Director in exceptional cases and in view of the economic conditions pertaining to the market and the parties to the concentration deems otherwise:

(ii) two or more undertakings merge, or one or more undertakings acquire sole or joint control of another

konġunt ta' xi intrapriża oħra, iżda ebda waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali fl-istess suq ta' prodott u suq ġeografiku, jew f'suq ta' prodott li jkun fil-linja 'l fuq jew fil-linja 'l isfel ta' suq ta' prodott li fih tkun involuta xi parti oħra tal-konċentrazzjoni

Konklużjonijiet

In vista tas-suespost u r-raġunijiet imsemmija u ai termini ta' regolament 12(4) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 (LN 294 ta' l-2002), id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant:

1) Iddeċieda illi għalkemm il-konċentrazzjoni taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti, il-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-leġittimità tagħha;
2) Iddeċieda illi ma jopponix il-konċentrazzjoni u
3) Iddikjara tali konċentrazzjoni bħala konċentrazzjoni leġittima.

MARCEL PIZZUTO
Direttur
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta

Il-25 ta' Awissu, 2006

undertaking, provided that none of the parties to the concentration are engaged in business activities in the same product and geographical market, or in a product market which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged;"

Conclusion

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 12(4) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 the Director of the Office for Fair Competition has therefore decided:

1) that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the Concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;
2) not to oppose the Concentration; and
3) declares it to be a lawful Concentration

MARCEL PIZZUTO
Director
Office for Fair Competition

25th August, 2006

Nru. 748

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/75/06

Is-17 ta' April 2006

Deċiżjoni fuq akkwist skond regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidrajt n-notifikazzjoni tas-16 ta' Marzu 2006 ai termini tar-regolament 5 ta' l-A.L. 294 ta' l-2002;

Wara li kkonsidrajt l-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ta' l-2002 (A.L. 294 ta' l-2002);

Wara li kkonsidrajt l-ġurisprudenza odjerna ta' l-Unjoni Ewropea u dik oħra barranija.

Il-Fatti

1. Fis-16 ta' Marzu 2006, Dottor Henri Mizzi u Dott.

No. 748

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/75/06

17 April 2006

Decision on Acquisition in terms of Regulation 6(1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations (L.N. 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the respective notification of 16 March 2006 pursuant to Regulation 5 of L.N. 294 of 2002;

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 (L.N. 294 of 2002);

Having considered EC and other foreign jurisprudence.

Facts

1. On 16 March 2006, Dr. Henri Mizzi and Dr. Adrian

Adrian Mallia rispettivament, f'isem Colony Investors VII L.P u Kingdom Hotels International (aktar 'l isfel imsejħin Colony u Kingdom rispettivament) intavolaw in-notifikazzjoni fl-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta (aktar 'l isfel imsejjaħ UKG) b'abboz ta' akkordju bejn Fairmont Hotels and Resorts Inc. (aktar 'l isfel imsejħa Fairmont) Colony u Kingdom esegwit fid-29 ta' Jannar 2006 illi b'permezz ta' tali akkordju, Colony u Kingdom se jakkwistaw il-kontroll b'mod konġunt jiġifieri x-xiri ta' l-ishma kollha f'Fairmont.

2. L-intavolar u l-aċċetazzjoni ta' tali notifika ġie mgħarraf lill-pubbliku b'permezz ta' Notifikazzjoni tal-Gvern fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 17,900 ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Marzu 2006.

Il-Partijiet

3. Il-partijiet fit-tranżazzjoni in diżamina huma Colony Investors VII L.P u Kingdom Hotels International (aktar 'l isfel imsejħin Colony u Kingdom) u Fairmont Hotels and Resorts Inc (aktar 'l isfel imsejħa Fairmont). Colony hija *private equity fund* illi hija sehem min-numru ta' *investment funds* illi jiffukaw fuq assi relatati ma' investimenti f'assi konnessi mal-proprjetà u kumpaniji operanti. Il-*portfolio* ta' investimenti jinkludi , *non performing loans*, *distressed assets* konċernanti proprjetà kif ukoll, *real estate-dependent operating companies*, u xi opportunitajiet ta' żvilupp konnessi ma' opportunitajiet ta' żvilupp kummerċjali u residenzjali mad-dinja kollha. L-intrapriżi ta' Colony huma sidien ta' għadd ta' lukandi mad-dinja kollha. Ħafna mil-lukandi ta' Colony Group huma ta' Raffles Group (aktar 'l isfel imsejħa Raffles).

4. Kingdom Trust għandha investimenti sostanzjali f'diversi setturi inklużi dawk konnessi ma' *banking*, lukandi, *media*, telekomunikazzjoni, teknoloġija, kostruzzjoni, proprjetà, fis-settur tad-divertiment, u moda *upscale*. Kingdom għandha investimenti relatati ma' lukandi inklużi dawk ta' Fairmont Hotel and Resorts, Four Seasons Hotels and Resorts, u George the V Hotel, il-Four Seasons Hotel London, The Savoy (London) u Movenpick Hotels and Resorts.

5. Fairmont huwa sid ta' lukandi ta' lussu u *resorts*. Il-*managed portfolio* ta' Fairmont tikkonsisti fi propjetà [] ta' lussu u bċejjeċ ta' proprjetà *first-class* b'numru approssimattiv ta' [] *guestrooms* fl-Istati Uniti, il-Kanada, il-Messiku, il-Bermuda, il-Barbados, ir-Renju Unit, Monaco, il-Kenja u l-Emirati Għarab Magħquda, kif ukoll, żewġ *vacation ownership properties* immaniġġjati minn Fairmont Heritage. Minn banda l-oħra Fairmont Hotels Inc., hija kumpanija ta' *luxury hotel management* fl-Istati Uniti. Fairmont hija sid ta' Delta Hotels li hija kumpanija ta' *first class hotel management* ġol-Kanada li timmaniġġja u tiffrankiġġja [] *city center* u *resort properties* fil-Kanada.

2. The filing and the acceptance of such notification was notified to the public through a Government Notice in the Government Gazette number 17,900 on Tuesday 28 March 2006.

Parties

3. In this case the parties to the transaction are Colony Investors VII L.P and Kingdom Hotels International (hereinafter referred to as Colony and Kingdom) and Fairmont Hotels and Resorts Inc (hereinafter referred to as Fairmont). Colony is a private equity fund that is part of a number of investment funds focusing on investments in real estate related assets and operating companies. The portfolio of investments comprise real estate, non performing loans, distressed assets, real estate-dependent operating companies, and select commercial and residential development opportunities throughout the world. The undertakings of Colony own a number of hotels throughout the world. The material part of Colony Group's hotels are owned by the companies collectively referred to as the Raffles Group (hereinafter referred to as Raffles).

4. Kingdom Trust has substantial investments in multiple sectors including banking, hotels, media, telecommunications, technology, construction and real estate, entertainment, and upscale fashion, among numerous others. Kingdom has hotel related investments include interests in Fairmont hotels and Resorts, Four Seasons Hotels and Resorts, the George the V Hotel, The Four Seasons Hotel London, The Savoy (London) and Movenpick Hotels and Resorts.

5. Fairmont is an owner/operator of luxury hotels and resorts. Fairmont's managed portfolio consists of []luxury and first-class properties with approximately [] guestrooms in the United States, Canada, Mexico, Bermuda, Barbados, United Kingdom, Monaco, Kenya and the United Arab Emirates as well as two vacation ownership properties managed by Fairmont Heritage Place. Fairmont owns Fairmont Hotels Inc., a luxury hotel management company in North America. Fairmont owns Delta Hotels a first class hotel management company in Canada which manages and franchises [] city center and resort properties in Canada. In addition to hotel management, Fairmont holds real estate

Barra minn *hotel management*, Fairmont għandha investimenti [] fi proprjetà u investiment ta' bejn wieħed u ieħor [] u investiment f'*Legacy Hotels Real Estate Investment Trust*, illi għandha propjetà []. Fairmont hija sid ta' FHP Management Company LLC, kumpanija ta' *private residence club management* illi topera Fairmont Heritage Place, illi tinnegozja fil-*vacation ownership*.

L-akkordju

6. Skond Artikolu II tal- *Master Agreement* (aktar 'l isfel imsejjaħ l-Akkordju) Kingdom tramite KR-189 (aktar 'l isfel imsejjaħ KR) u Colony b'permezz ta'akkordju ta' *Joint Venture* (aktar 'l isfel imsejjaħ JVA) kellhom joħolqu *joint venture* bl-isem Nova Scotia Limited (aktar 'l isfel imsejħa Nova Scotia) magħrufa wkoll bl-isem ta' Canada Hold co (aktar 'l isfel imsejħa Canada Hold Co). Barra minn hekk taħt l-Artikolu II ta' l-akkordju hemm riferenza għall-fatt illi Fairmont imsemmija wkoll bħala Forum għall-meriti tat-tranżazzjoni in diżamina, għandha tidħol f'akkordju ta' akkwist (aktar 'l isfel imsejjaħ bħala akkordju ta' akkwist) ma' Nova Scotia (aktar 'l isfel imsejħa bħala Canada Hold Co.) illi b'permezz ta' tali akkordju Nova Scotia taqbel li takkwista lil Fairmont magħrufa ukoll bħala Forum, liema tranżazzjoni hija msejħa aktar 'l isfel bħala l-akkwist ta' Forum. Barra minn dan taħt l-Artikolu II b'permezz ta' Klawżola 2.3 wieħed isib illi kemm Kingdom u Colony qablu li jagħmlu kontribuzzjonijiet f'kambjali ai termini ta' Klawżola 2.3 illi flimkien ma' l-iffinanzjar minn terzi, joħorġu l-prezz għall-ħlas ta' l-akkwist ta' Forum Acquisition. Għaldaqstant, il-prezz ta' tali akkwist jiddependi minn finanzjament minn terzi u għalhekk il-prezz jista' jitla' u jinżel.

7. It-tranżazzjoni li b'permezz tagħha Kingdom u Colony tramite Nova Scotia jakkwistaw il-kontroll ewlieni ta' Fairmont hija konċentrazzjoni ai termini ta' Regolament 2 (d) (ii) tar-Regolamenti fuq il-Kontroll tal-Konċ-entrazzjonijiet.

8. Regolament 2(d)(ii) tiddefinixxi akkwist bħala tranżazzjoni li fiha jsir l-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li jkunu diġà jikkontrollaw ta' l-anqas xi intrapriża waħda, sew b'xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ, jew ta' partijiet minnhom.

9. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist ta' kontroll ewlieni minn Kingdom u Colony ta' Fairmont b'permezz ta' kuntratt.

***Threshold* li jiskatta l-obbligu ta' Notifika**

10. It-*turnover* ta' l-intrapriżi parti f'din it-transazzjoni

interests in [] properties and an approximate [] investment interest in Legacy Hotels Real Estate Investment Trust which owns [] properties. Fairmont owns FHP Management Company LLC, a private residence club management company that operates Fairmont Heritage Place, a vacation ownership business.

Agreement

6. According to Article II of the Master Agreement (hereinafter referred to as the Agreement) Kingdom through KR-189 (hereinafter referred to as KR) and Colony pursuant to a Joint Venture Agreement (hereinafter referred to as JVA) will form a joint venture with the name of Nova Scotia Limited (hereinafter referred to as Nova Scotia) also referred to as Canada Hold co (hereinafter referred to as Canada Hold co). Moreover, under Article II of the Agreement there is mentioned the fact that Fairmont referred to as Forum for the purposes of the transaction above mentioned will enter into an acquisition agreement (hereinafter referred to as Acquisition agreement) with Nova Scotia (referred to also as Canada Hold Co.) pursuant to which Nova Scotia agrees to acquire Fairmont also referred to as Forum, which transaction is referred to hereinafter as the Forum Acquisition. Besides the above mentioned under Article II through Clause 2.3 one finds that both Kingdom and Colony have agreed to make cash contributions as specificied in Clause 2.3 which together with third party financing, will fund the purchase price for the Forum Acquisition. Therefore, when considering the consideration of the acquisition in question the consideration depends on third party financing and therefore fluctuates. For this reason contemporaneously to the drafting of this same decision the cash contribution by Kingdom and Colony together is approximately [].

7. The notified transaction whereby Kingdom and Colony, through Nova Scotia acquire the sole control of Fairmont is a concentration within the meaning of Regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations.

8. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

9. In this case, the proposed concentration is to be the acquisition by Kingdom and Colony of the sole control of Fairmont by means of a contract.

Threshold for Notification

10. The aggregate turnover of the parties concerned in

fis-sena finanzjarja preċedenti qabeż it-*turnover* totali kkontemplata mir-regolament numru 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet .

Analiżi

Il-kwistjoni dwar il-preżenza o meno ta' suq milqut ġewwa Malta

11. Għall-finijiet ta' Sezzjoni 6 III tal-KN (Formola ta' Notifika dwar Konċentrazzjoni – annessa mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet), swieq milquta huma swieq rilevani għall-prodotti fejn fit-territorju ta' Malta jew f'xi parti rilevanti minnu:

a) xi żewġ jew aktar partijiet fil-konċentrazzjoni jkunu qed iwettqu attivatijiet kummerċjali fl-istess suq għall-prodott u fejn il-konċentrazzjoni tkun twassal għal sehem kombinat fis-suq ta' 15% jew aktar, jew

b) xi parti waħda jew aktar partijiet fil-konċentrazzjoni jkunu qed iwettqu attivatijiet kummerċjali f'suq għall-prodott li jkunu fil-linja 'l fuq jew fil-linja 'l isfel ta' suq għall-prodott fejn parti oħra fil-konċentrazzjoni tkun ukoll qed twettaq kummerċ u xi wieħed mis-sehem fis-swieq individwali jew kombinat tagħhom ikun ta' 25% jew aktar mingħajr ma jittieħed kont jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm xi relazzjonijiet eżistenti ta' fornitur/klijent bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni.

12. F'dan il-każ meta wieħed jikkunsidra n-natura tat-tranżazzjoni u l-effetti potenzjali tat-tranżazzjoni in diżamina fuq is-suq Malti, wieħed isib illi:

a) L-akkwist propost huwa ta' natura orizzontali, għalhekk it-tieni possibilità kif riflessa taħt Sezzjoni 6 III tal-KN (Formola ta' Notifika Dwar Konċentrazzjoni – annessa mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet) ma tistax issehħ. Fl-istess ħin wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi Colony, King u Fairmont huma kollha ingaġġati fis-settur ekonomiku konċernanti l-industrija tal-lukandi in ġenerali;

b) Omissis

Analiżi Sostantiva

13. L-UKG ikkunsidra l-akkwist in diżamina ta' natura orizzontali dato l-fatt illi l-akkwirenti u l-intrapriża akkwistata joperaw fl-istess suq u fl-istess livell ta' suq. L-UKG ma għamel ebda analiżi ta' l-HHI għaliex, kif diġà ġie ritenut aktar 'l fuq, mhemm l-ebda suq milqut f'Malta.

Konklużjonijiet

In vista tas-suespost u r-raġunijiet imsemmija u ai termini

the preceding financial year exceeds that contemplated in Regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Assessment

The matter of the presence or otherwise of an effected market in Malta

11. For the purposes of Section 6III of the CN(Notification Form-annexed to the Regulations on the Control of Concentrations) affected markets are relevant product markets where in the Maltese or a relevant part thereof:

a) two or more of the parties to the concentration are engaged in business activities in the same product market and where the concentration will lead to a combined market share of 15% or more; or

b) one or more of the parties to the concentration are engaged in business activities in a product market, which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged, and any of their individual or combined market shares is 25% or more, regardless of whether there is or is not any existing supplier customer relationship between the parties to the concentration.

12. In this case when one considers the nature of the transaction and the potential effects that the mentioned concentration could have on the Maltese market, one finds that:

a) the proposed acquisition is of a horizontal nature, therefore the second possibility envisaged under Section 6 III of the CN (Notification Form, annexed to the Regulations on the Control of Concentrations) is to be ruled out. It is to be borne in mind that Colony, King and Fairmont are all engaged to a certain degree in the economic sector concerned with the hotel industry in general;

b) Omissis

Substantive analysis

13. The OFC has considered the acquisition under examination to be of a horizontal nature given the fact that the acquirer and the target undertaking operate within the same market and on the same level of trade. The OFC did not carry out an HHI analysis because, as explained earlier on in this decision there was no affected market in Malta.

Conclusions

For the above mentioned reasons and in terms of regulation

ta' regolament 6 (1) (ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 (LN 294 ta' l-2002), id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant:

1) Iddeċieda illi għalkemm il-konċentrazzjoni taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti, il-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-leġittimità tagħha;
2) Iddeċieda illi ma jopponix il-konċentrazzjoni u
3) Jiddikjara tali konċentrazzjoni bħala konċentrazzjoni leġittima.

MARCEL PIZZUTO
Direttur
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta

Il-25 ta' Awissu, 2006

6 (1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition has therefore;

(1) Decided that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the concentration does not raise doubts about its lawfulness;
(2) Decided not to oppose the Concentration and
(3) Declares it to be a lawful concentration.

MARCEL PIZZUTO
Director
Office for Fair Competition

25th August, 2006

Nru. 749

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/180/06

It-12 ta' Lulju 2006

Deċiżjoni fuq akkwist skond regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidrajt n-notifikazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2006 ai termini tar- regolament 5 ta' l-A.L. 294 ta' l-2002;

Wara li kkunsidrajt l-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ta' l-2002 (A.L. 294 ta' l-2002);

Wara li kkunsidrajt *Commission Notice on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under Council Regulation* EC No. 139/2004.

Il -Fatti

1. Fit-28 ta' Ġunju Dott. Albert Grech bħala mandatarju speċjali f'Malta ta' Sparkaase Bank Malta plc nnotifika lil Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta (aktar 'l isfel imsejħa UKG) b'abbozz ta' akkordju konċernanti bejgħ u xiri t'ishma illi b'permezz tiegħu Sparkaase Bank plc (aktar 'l isfel msejħa Sparkaase), għandha takkwista l-kontroll ta' Quest Investments Services Limited (aktar 'l isfel msejħa Quest) tramite x-xiri ta' 70% ta'l-ishma fl-intrapriża msemmija.

No. 749

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/180/06

12 July 2006

Decision on acquisition in terms of regulation 12(4) of Regulations on Control of Concentrations (LN 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the notification of 28 June 2006 pursuant to regulation 5 of Regulations on Control of Concentrations 2002

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002

Having considered Commission Notice on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under Council Regulation EC No. 139/2004

Facts

1. On 28 June 2006, Dr Albert Grech as special mandatory in Malta of Sparkaase Bank Malta plc notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as 'OFC') with a draft Share Sale and Share Allocation Agreement, whereby Sparkaase Bank Malta plc (hereinafter referred to as 'Notifying Party') is to acquire sole control of Quest Investment Services Limited by way of purchase of 70% holding in the said latter company.

2. L-intavolar u l-aċċetazzjoni ta' tali notifika ġie mgħarraf lill-pubbliku b'permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 17,939 nhar l-4 ta' Lulju 2006 u avviż li ġie ppubblikat f'gazzetta lokali fl-1 ta' Lulju 2006.

Il-Partijiet

3. L-intrapriża illi nnotifikat t-tranżazzjoni suespost hija kumpanija b'responsabiltà limitata inkorporata f'Malta illi għandha l-Uffiċċju reġistrat bl-indirizz 1, Amber Flats, Reġġie Miller Street, Gzira GZR 05, Malta. L-oġġettiv prinċipali ta' din l-intrapriża hija illi topera fil-kummerċ tal-*banking* ġewwa Malta u illi tiehu ħsieb l-operazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-*banking* inklużi dawk konessi i) ma' l-aċċettazzjoni ta' depożiti mill-pubbliku; u ii) is-self u l-ġenerazzjoni tal-flus mill-pubbliku, għall-għan biex jintuża interament jew in parti għas-self jew inkella b'investiment akkont f'isem min jaċċetta d-depożitu ta' tali flus, illi f'dan il-każ ir-riskju jdur fuq min jaċċetta d-depożitu ta' l-imsemmija flejjes, taħt kundizzjoni illi tali negozju jsir biss ma' persuni, intrapriżi jew entitajiet illi jinsabu ġewwa Malta.

4. L-intrapriża illi nnotifikat t-tranżazzjoni hija kkontrollata minn Harald Wanke, u minn Sparkaase (Holdings) Malta Limited, b' 1% u 99% ta' l-ishma rispettivament, u b'din ta' l-aħħar tkun kkontrollata b'99% ta' l-ishma minn Sparkaase Schwarze b'indirizz ta' reġistrazzjoni fi Franz Josef Strasse 8-10, 6130 Schwaz Austria, u b'permezz ta' 1% ta' l-ishma minn Peter Erler detentur tal-passaport bin-numru G08298090.

5. 'Quest' hija kumpanija b'responsabilità limitata inkorporata f'Malta b'uffiċċju ta' reġistrazzjoni 31B, Regent House, Bisazza Street, Sliema SLM 15 Malta. L-oġġettiv prinċipali ta' din il-kumpanija huwa li jipprovdi servizzi ta' investiment ai termini ta' l-Att dwar l-Investiment tas-sena 1994.

6. 'Quest' hija kkontrollata b'permezz ta' 40% ta' l-ishma minn Oleander Limited, u b'permezz ta' 40% minn John Axisa, u finalment b'permezz ta' 20% ta' l-ishma minn Paul Mifsud.

Konċentrazzjoni Notifikabbli

7.It-tranżazzjoni notifikata li permezz tagħha l-intrapriża illi notifikat t-tranżazzjoni suespost qiegħda takkwista kontroll dirett ta' Maltacom plc, hija konċentrazjoni skont Regolament 2(d) (ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċ entrazzjonijiet.

8. Regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li diġà jikkontrollaw mill-anqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull

2. The filing and the acceptance of such notification was notified to the public through a public notice in the Government Gazette number 17,939, on 4 July 2006 and a notice that appeared in a local newspaper on 1 July, 2006.

Parties

3. The Notifying Party is a public limited company incorporated in Malta having its registered office at 1, Amber Flats, Reġġie Miller Street, Gzira GZR 05, Malta. The main object of the company is to carry on the business of banking within Malta and to undertake all kinds of banking operations, including, (i) the acceptance of deposits from the public, (ii) the borrowing or raising of money from the public, in either case for the purpose of employing such money in whole or in part by lending to others or otherwise investing for the account and at the risk of the person accepting such money: provided that such business of banking is carried out solely with persons, companies or entities situated outside Malta.

4. The Notifying Party is owned as to 1% by Harald Wanke and as to 99% by Sparkaase (Holdings) Malta Limited, which, in turn is owned as to 99% by Sparkaase Schwarz with registered address at Franz-Josef StraBe 8-10, 6130 Schwaz, Austria, and as to 1% by Peter Erler, holder of Austrian passport bearing number G08298090.

5. Quest Investment is a limited liability company incorporated in Malta having its registered office at 31B, Regent House, Bisazza Street, Sliema SLM 15, Malta. The main object of the company is to provide investment services in terms of the Investment Act, 1994.

6. Quest Investment is owned as to 40% by Oleander Limited, as to 40% by John Axisa, and as to 20% by Paul Mifsud.

Notifiable Concentration

7. The notified operation whereby the Notifying Party acquires direct control of Quest Investment, is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations.

8. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of

mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ jew ta' partijiet minnhom.

9. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist ta' kontroll dirett minn Sparkaase Bank Malta plc ta' Quest Investment Services Limited b'permezz ta' akkordju.

Threshold li jiskatta l-obbligu ta' Notifika

10. It-*turnover* ta'l-intrapriżi parti f'din it-transazzjoni fis-sena finanzjarja preċedenti qabżet it-*turnover* totali kkontemplata mir-regolament numru 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

Proċedura Simplifikata

11. Wara eżami tan-notifika, id-Direttur kien sodisfatt li l-konċentrazzjoni taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 u regolament 12(1) (ii) illi jgħid hekk:

Il-proċedura simplifikata għandha tkun tapplika għal dawn il-kategoriji ta' konċentrazzjonijiet li ġejjin li jitqiesu li ma jqajmux dubji serji dwar il-legalità tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba d-Direttur f'każijiet eċċezzjonali u minħabba li l-kondizzjonijiet ekonomiċi li jappartjenu għas-suq u għall-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunx iqis xort'oħra.

(ii) meta żewġ intrapriżi jew aktar jamalgamaw, jew intrapriża waħda jew aktar takkwista kontroll uniku jew konġunt ta' xi intrapriża oħra, iżda ebda waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali fl-istess suq ta' prodott u suq ġeografiku, jew f'suq ta' prodott li jkun fil-linja 'l fuq jew fil-linja 'l isfel ta' suq ta' prodott li fih tkun involuta xi parti oħra tal-konċentrazzjoni

Konklużjonijiet

In vista tas-suespost u r-raġunijiet imsemmija u ai termini ta' regolament 12(4) tar- Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 (LN 294 ta' l-2002), id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant:

1) Iddeċieda illi għalkemm il-konċentrazzjoni taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti, il-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-leġittimità tagħha;
2) Iddeċieda illi ma jopponix il-konċentrazzjoni u
3) Iddikjara tali konċentrazzjoni bħala konċentrazzjoni leġittimà.

Marcel Pizzuto
Direttur Ġenerali
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta

Il-25 ta' Awissu, 2006

direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

9. In this case, the proposed concentration is the acquisition of direct control by Sparkaase Bank Malta plc of Quest Investment Services Limited by means of a contract.

Threshold for Notification

10. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that set out in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Simplified Procedure

11. After examination of the notification, the Director has concluded that the notified concentration falls within the scope of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 and of regulation 12(1)(ii) thereof whereby it is provided that:

The simplified procedure will apply to the following categories of concentrations that are deemed not to raise serious doubts as to their legality in terms of the provisions of these regulations, unless the Director in exceptional cases and in view of the economic conditions pertaining to the market and the parties to the concentration deems otherwise:

(ii) two or more undertakings merge, or one or more undertakings acquire sole or joint control of another undertaking, provided that none of the parties to the concentration are engaged in business activities in the same product and geographical market, or in a product market which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged;'

Conclusion

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 12(4) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 the Director of the Office for Fair Competition has therefore decided:

(1) that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the Concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;
(2) not to oppose the Concentration; and
(3) declares it to be a lawful Concentration

Marcel Pizzuto
Director General
Office for Fair Competition

25th August, 2006

Nru. 750

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
123	Bridge View Court Triq Forrest *San Ġiljan*	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	23/08/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 750

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

25th Awissu, 2006

Nru. 751

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
18. 08. 06	Lm6.68c8	14c0
21. 08. 06	Lm6.66c1	14c1
22. 08. 06	Lm6.80c0	14c4
23. 08. 06	Lm6.80c0	14c4
24. 08. 06	Lm6.81c3	14c7

Il-25 ta' Awissu, 2006

No. 751

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

25th August, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 89

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk kif indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ jew twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għargħur

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Awissu 2006 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq in-Naxxar u Triq Santa Katerina.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Il-Marsa

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Awissu 2006 mill-10.00 a.m. sat-3.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Nerik Sacco, Azzopardi, Assunta, Ħal Qormi, San Mikiel, il-Marsa u Isouard.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Awissu 2006 mis-6.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Knisja Parrokkjali, Nerik Sacco, Isouard, Ħal Qormi, San Franġisk u l-Marsa.

Vetturi misjuba qed jiksru dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Awissu, 2006

POLICE NOTICE

No. 89

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit or stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Għargħur

On Sunday, 27th August 2006, from 5.00 p.m. till midnight through Triq in-Naxxar and Triq Santa Katerina.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Marsa

On Sunday, 27th August 2006, from 10.00 a.m. till 3.00 p.m. through the following streets: Nerik Sacco, Azzopardi, Assunta, Qormi, San Mikiel, il-Marsa and Isouard.

On Sunday, 27th August 2006, from 6.00 p.m. till midnight through the following streets: Parish Church, Nerik Sacco, Isouard, Qormi, San Franġisk and il-Marsa.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

25th August, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 90

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat fid-dati msemmija.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Isla

Nhar it-Tnejn, l-4 ta' Settembru 2006 minn Pjazza l-4 ta' Settembru.

POLICE NOTICE

No. 90

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated at the given dates.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Senglea

On Monday, 4th September 2006 through Pjazza l-4 ta' Settembru.

Nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Settembru 2006 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza F. Zahra, il-Vitorja, Mons. Panzavecchia, Pjazza Mitrovich, il-Ħabs l-Antik u ż-Żewġ Mini.

Nhar il-Ħamis, is-7 ta' Settembru 2006 mill-10.00 a.m. 'il quddiem mix-Xatt Juan B. Azopardo.

Nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Settembru 2006 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Benedittu XV, l-Arċisqof Mattei, Pjazza Mitrovich, il-Ħabs l-Antik, San Ġużepp, ix-Xatt Juan B. Azopardo, il-Miġja tal-Papa, iż-Żewġ Mini, Pjazza F. Zahra, il-Vitorja, Mons. Panzavecchia, il-31 ta' Marzu u l-parkeġġ fi Triq it-Tarzna ħdejn l-ex-*South Gate* tat-Tarzna.

L-Avviż tal-Pulizija Nru. 87 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Awissu 2006 fejn jirrigwarda l-Isla, huwa b'dan imħassar.

Il-25 ta' Awissu, 2006

On Wednesday, 6th September 2006 from 2.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza F. Zahra, il-Vitorja, Mons. Panzavecchia, Pjazza Mitrovich, il-Ħabs l-Antik and iż-Żewġ Mini.

On Thursday, 7th September 2006 from 10.00 a.m. onwards through Xatt Juan B. Azopardo.

On Friday, 8th September 2006 from 2.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Benedittu XV, l-Arċisqof Mattei, Pjazza Mitrovich, il-Ħabs l-Antik, San Ġużepp, ix-Xatt Juan B. Azopardo, il-Miġja tal-Papa, iż-Żewġ Mini, Pjazza F. Zahra, il-Vitorja, Mons. Panzavecchia, il-31 ta' Marzu and the parking site in Triq it-Tarzna near ex-Dockyard South Gate.

Police Notice No. 87 published in the Government Gazette of the 21st August 2006 regarding Senglea, is hereby repealed.

25th August, 2006

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ingaġġ ta' Spiżjara Sostituti Każwali b'kuntratt definit

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' Spiżjara Sostituti Każwali b'kuntratt definit bejn tliet xhur u sena, li jista' jiġġedded kif u fejn ikun meħtieġ.

2. Is-salarju ta' Spiżjara Sostituti Każwali jkun bir-rata ta' Lm5,930 fis-sena, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' Spiżjar.

3. Spiżjara Sostituti Każwali jistgħu jaħdmu fuq bażi ta' *full-time* jew ta' *part-time* għal għoxrin (20) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallsu pro-rata. Jekk ma jkunux qed jaħdmu fuq bażi ta' *full-time*, ikunu japplikaw il-provvedimenti taċ-Ċirkolari ta' l-MPO 50/96 u l-Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas.

4. Spiżjar Sostitut Każwali jkun minflok impjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi ta' *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

5. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-Spiżjar Sostitut Każwali f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi tithallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Engagement of Casual Substitute Pharmacists on definite contract

The Permanent Secretary, Ministry of Health, the Elderly and Community Care invites applications for the engagement of Casual Substitute Pharmacists on definite contract for a minimum period of three months and a maximum of one year, renewable as and where necessary.

2. The salary of a Casual Substitute Pharmacist will be at the rate of Lm5,930 per annum, that is, the minimum of the salary scale of the grade of Pharmacist.

3. Casual Substitute Pharmacists may work on a full-time basis or on part-time basis for 20 or 30 hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of MPO Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

4. A Casual Substitute Pharmacist will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work the Casual Substitute Pharmacist will have his/her contract terminated.

5. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute Pharmacist at any time on one month's notice in writing or on payment of two weeks' salary.

6. Spiżjara Sostituti Każwali ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. Id-dmirijiet ta' Spiżjara Sostituti Każwali jinkludu:

(i) jieħdu sehem fit-tqassim ta' sustanzi farmaċewtiċi u xogħol kliniku farmaċewtiku;

(ii) imexxi u jagħtu direzzjoni fl-ispiżerija;

(iii) ikunu responsabbli mill-kura farmaċewtika li jagħtu fl-isptarijiet inkluż fis-swali.

(iv) jagħmlu użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

8. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

6. Casual Substitute Pharmacists will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees:

7. The duties of a Casual Substitute Pharmacist include:

(i) involvement in dispensing of pharmaceutical substances and performance of clinical pharmaceutical activities;

(ii) running and management of a dispensary;

(iii) responsibility for the delivering of pharmaceutical care within hospitals including wards.

(iv) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

Further details of the job description of the position may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

8. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

ċ) ikollhom il-*Warrant* li jeżerċitaw il-Professjoni ta' Spiżjara f'Malta;

d) ikunu rreġistrati bħala Farmaċisti fuq ir-Reġistru tal-Kunsill tal-Farmaċija (Malta);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa ta' l-applikazzjonijiet għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni)

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni.

c) be in possession of a Warrant to practise as Pharmacists in Malta;

d)be registered as Pharmacists on the Register of the Pharmacy Council (Malta);

e)be of good moral character (a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications should be provided);

9.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11.2. Il-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità jippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-istess Ministeru, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm

11.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-pożizzjoni.

13. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mil-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 15 ta' Settembru 2006.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 15 ta' Settembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-25 ta' Awissu, 2006

11.2. The result of the interviews will be published by the Ministry of Health, the Elderly and Community Care and exhibited on the notice board of the Office of the said Ministry, 15, Merchants Street, Valletta

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Ministry of Health, the Elderly and Community Care where it may be accessed at http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

15. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday 15 September 2006.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday 15 September 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

25th August, 2006

EUROPEAN GNSS SUPERVISORY AUTHORITY

Vacancy Notice for the Post
of Head of Market Development Department
(Ref. GSA/2006/600)

Applications are invited for the post of Head of Market Development Department with the European GNSS Supervisory Authority[1] .

Eligibility criteria

Applicants must possess a level of education which corresponds to:

completed university studies attested by a diploma when the normal period of university education is four years or more; or

a level of education which corresponds to completed university studies attested by a diploma and appropriate professional experience of at least one year when the normal period of university education is at least three years;

at least 12 years of professional experience, of which at least 3 years in positions corresponding to the aforementioned duties; and

proven abilities to use electronic office equipment (word processing, spreadsheets, e-mail, Internet, etc.)

Furthermore, in order to be eligible a candidate must:

be a national of a Member State of the European Union;
be able to fulfil a full 3 year-term before reaching the retirement age of 65;
be entitled to his or her full rights as citizen;
be able to obtain security clearance;
have fulfilled any obligations imposed by the applicable laws concerning military service;
meet the character requirements for the duties involved; and
be physically fit to perform the duties linked to the post.

Selection criteria

Essential

University degree relevant to the job;
Very good experience relevant to the tasks described above;
Knowledge of the economics of market development and regulation;
Excellent analytical skills;
Fascinating vision of the job and excellent drive to make it come true;
Experience of team building; and
Very good communication skills and fluency in English.

Advantageous

Master of Business Administration (MBA) or postgraduate university degree relevant to the job;
Experience of business strategy consultancy;
Experience of market research;
Experience of market regulation;
Experience of development of new markets;
Experience of business development;
Knowledge of the principles of satellite-based navigation; and
Knowledge of the institutional framework and functioning of the European Union.

Appointment and conditions of employment

The successful candidate will be recruited as temporary agent, pursuant to Article 2 (a) of the Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities and will be recruited at the grade AD 11. The salaries of temporary agents are subject to a community tax deducted at source but are exempt from national tax. The contract will be for a three year-period and may be renewed.

The place of employment will be where the Authority's premises are located. Since the location has not yet been finally decided, the candidate must be ready to start provisionally in Brussels and to continue his duty in any other location within the European Union, which is selected as the seat of the Authority. Owing to the need for the Authority to quickly take all its duties, the successful candidate will be required to be available at reasonably short notice.

It is brought to the particular attention of candidates that the provisions of Articles 11 to 26 of the Staff Regulations, concerning the rights and obligations of officials, shall apply by analogy to temporary agents. For further information on working conditions of temporary agents see: http://europa.eu.int/comm/reform/2002/index_en.htm

Equal opportunities

The European Union takes great care to avoid any form of discrimination in its recruitment procedures and actively encourages applications from women.

Application procedure

For applications to be valid, candidates must submit:

a detailed curriculum vitae, in EU CV format[2];
a letter of motivation, including his/her views on the mission of the Market Development;
Department and its organisation (3 pages maximum);
the eligibility and selection criteria grid.

All documents must be submitted in Microsoft Word or Acrobat (pdf) format. The application will be rejected if the dossier is incomplete. Supporting documents showing evidence of the information given in the application documents may be requested at a later stage. No document will be sent back to candidates. Candidates are invited to apply in English, to facilitate the selection process.

Applications must be sent by e-mail to mailbox "TREN-GSA@ec.europa.eu" until 4/09/2006 at 23:59 (Central European Time) at the latest, clearly indicating the vacancy reference number in the subject line. Further information may be obtained from the website of the Directorate for Energy and Transport at:

http://ec.europa.eu/dgs/energy_transport/galileo/sa/doc/2006_07_20/gsa_2006_600_head_market_development.pdf

[1] http://europa.eu.int/comm/dgs/energy_transport/galileo/documents/official_en.htm

[2] EU CV format available on:
http://europass.cedefop.eu.int/europass/home/vernav/Europasss+Documents/Europass+CV/navigate.action

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

25th August, 2006

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post fil-Katekesi
Fakultà tat-Tejoloġija

Il-kandidati jrid ikollhom preferibbilment Dottorat jew kwalifika ekwivalenti fil-katekesi u jrid ikunu lesti li jgħallmu kif ikun meħtieġ mill-Fakultà tat-Teoloġija u mill-Università.

2. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għall-ħatra f'dawn il-gradi. F'ċirkostanzi eċċ ezzjonali biss, kandidat jista' jiġi kkunsidrat għall-ħatra ta' Professur. Madankollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-possibiltà ta' opportunitajiet għal aktar studju u promozzjoni.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:–

Professur Assoċjat - Lm11,292
Lettur Anzjan - Lm10,288
Lettur - Lm8,653 li jiżdied b'*increments* ta' Lm 200 fis-sena għal Lm9,253.
Assistent Lettur - Lm7,480 li jiżdied b'*increments* ta' Lm 200 fis-sena għal Lm8,080.
Jekk ikollu *Master's degree:* Lm7,916 li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 fis-sena għal Lm8,516.

3. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet indirizzi ta' *referees* lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06 sa nofsinhar tat-Tnejn, il-11 ta' Settembru, 2006.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

4. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mid-Dekan, Fakultà tat-Teoloġija jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mill-website:
http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

Il-25 ta' Awissu, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Catechetics
Faculty of Theology

Candidates should preferably be in possession of a Doctorate or an equivalent qualification in Catechetics and should be ready to teach as may be required by the Faculty of Theology and the University.

2. An appointment may be made at one of the grades of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are candidates who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades. Only in exceptional circumstances will appointment at the grade of Professor be considered. However an appointment at Assistant Lecturer grade may also be offered with the provision of opportunities to the appointee for further studies and promotion.

The salaries attached to the respective grades are:–

Associate Professor - Lm11,292
Senior Lecturer - Lm10,288
Lecturer - Lm8,653 rising by annual increments of Lm200 to Lm9,253.
Assistant Lecturer - Lm7,480 rising by annual increments of Lm200 to Lm8,080.
If in possession of a Master's degree: Lm7,916 rising by annual increments of Lm200 to Lm8,516.

3. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building, University of Malta, Msida MSD 06 by noon of Monday, 11th September 2006.

Late applications will not be considered.

4. Further information may be obtained from the Dean, Faculty of Theology, or from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website:
http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

25th August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - Viċi Diretturi

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jimla l-pożizzjonijiet li ġejjin:

Viċi Direttur – *Institute of Business and Commerce*
Viċi Direttur – *Institute of Electrical and Electronics Engineering*

Il-kandidati magħżula għandhom ikunu kapaċi bil-provi biex jimmotivaw u jmexxu membri ta' *team* biex jilħqu l-għanijiet stipulati mill-Bord ta' Gvernaturi ta' l-MCAST. Għandhom juru inizjattiva, ikunu kapaċi f'sens intraprenditorjali biex jgħinu fit-tmexxija ta' l-Istitut bħala *unit* effiċjenti u li jkun biżżejjed għall-paragun tal-flus li jintefqu, ikunu kapaċi jaħdmu f'*team*, u jkunu flessibbli biex iwettqu dmirijiethom kollha marbuta mat-tmexxija ta' kuljum ta' l-Istitut.

Min jinħatar ikun meħtieġ li jwettaq d-dmirijiet li jingħatawlu mid-Direttur ta' l-Istitut, inkluż li jaġixxi f'isem id-Direttur kif ikun meħtieġ.

Jintlaqgħu applikazzjonijiet minn kandidati li għandhom ta' l-anqas 5 snin esperjenza fil-*management*, flimkien ma' ta' l-anqas tliet snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* relatati mas-suġġetti prinċipali mgħallma fl-Istitut. It-tagħlim u l-*management* jistgħu jkunu flimkien jekk il-persuna involuta tkun okkupat pożizzjoni għolja waqt li kienet għadha tgħallem.

Fil-bidu l-kandidati magħżula jkunu ingaġġati fuq kuntratt definit ta' tliet snin, li wara jiġġedded, soġġett għal riżultati sodisfaċenti.

Il-post ta' Viċi Direttur huwa soġġett għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u jinvolvi perijodu ta' sena bi prova.

Il-kandidati prospettivi għandhom jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni li jkunu mlew, flimkien ma' l-*employment history sheet* tagħhom li tinkiseb mill-ETC mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, il-11 ta' Settembru, 2006.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *on-line* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani ta' l-MCAST, għandhom ikunu indirizzati għall-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-indirizz ta' hawn taħt. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA 08, Tel: 23987100, Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

Permess ta' l-ETC Nru: 140/2006

Il-25 ta'Awissu, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Deputy Directors

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the following positions:

Deputy Director - Institute of Business and Commerce
Deputy Director - Institute of Electrical and Electronics Engineering

The selected candidates will have proven ability to motivate and lead team members to achieve objectives set by the MCAST Board of Governors. They will show initiative, possess entrepreneurial skills to help run the Institute as an efficient and cost-effective unit, be able to work in a team, and be flexible in carrying out any duties connected with the day-to-day running of the Institute.

The appointees will be required to perform duties as are delegated to them by the Director of Institute, including that they act on the Director's behalf as may be necessary.

Applications are invited from candidates who have a minimum of 5 years management experience, together with a minimum of 3 years teaching/lecturing experience related to the main disciplines taught at the Institute. Teaching and management may overlap if the person involved has held a senior position whilst still teaching.

The successful applicants will initially be engaged on a three year definite contract, renewable thereafter subject to satisfactory performance.

The post of Deputy Director is subject to a forty hour week and entails a probationary period of one year.

Prospective candidates are invited to submit the completed application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 11 September 2006, at noon.

Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to the Human Resources Office at the address below. Late applications will not be considered.

MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, Tel: 23987100 *Fax*: 23987316, www.mcast.edu.mt

ETC Permit No: 140/2006

25th August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *Part-time Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet mingħand Periti u Inġiniera speċjalizzati fis-Servizzi Mekkaniċi, Elettriċi u/jew ta' Kostruzzjoni, li jixtiequ jagħtu *lectures* fuq bażi *part-time* f'korsijiet li jwasslu għal *BTEC National Diploma* u l-*Higher National Diploma in Construction (Level 4)*, u fis-Servizzi ta' Kostruzzjoni (HVAC), *Production and Management (Land Surveying)* u *Project Management.* Persuni li għandhom 10 snin esperjenza industrijali u jkollhom il-kwalifiki relevanti fis-suġġett, jiġu wkoll ikkunsidrati.

Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jagħtu medja ta' erba' sigħat *lectures* fil-ġimgħa.

L-applikanti huma mitluba biex jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni tal-Kulleġġ li jkunu mlew, li tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, flimkien ma' l-*employment history sheet* tagħhom li tinkiseb mill-ETC mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, l-4 ta' Settembru, 2006, f'nofsinhar. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati għall-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA 08, Tel: 23987100, Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

Permess ta' l-ETC 135/2006

Il-25 ta' Awissu, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Part-time Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications from Architects and Civil Engineers and from Engineers specialised in Mechanical, Electrical and/or Building Services, who are willing to deliver lectures on a part-time basis on the courses leading to the BTEC National Diploma and the Higher National Diploma in Construction (Level 4), and in Building Services (HVAC), Production and Management (Land Surveying) and Project Management. Persons who have 10 years industrial experience and possess relevant qualifications in the subjects, will also be considered.

The selected candidates will be required to deliver an average of four hour lectures per week.

Applicants are requested to submit the completed College Application Form, available online and from the Human Resources Office, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 4 September 2006, at noon. Applications are to be addressed to the Human Resources Office at the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, Tel: 23987100, Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

ETC Permit No. 135/2006

25th August, 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Marda tal-*Bluetongue*

Il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent permezz tad-Diviżjoni dwar is-Saħħa u l-Kura ta' l-Annimali fid-Dipartiment ta' l-Affarijiet Veterinarji u Sajd jgħarraf lil dawk kollha kkonċernati illi minħabba li faqqgħet il-marda *Bluetongue* fi Spanja, il-Portugall, l-Olanda u l-Belġju, l-importazzjoni ta' annimali li jixtarru ħajjin qed tiġi ristretta skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/572/KE li temenda Deċiżjoni 2005/393/KE.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand il-*Border Inspection Post Inspectorate Services* fuq telefon numru 21650393, *fax* 21360573.

Il-25 ta' Awissu, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Bluetongue Disease

The Ministry for Rural Affairs and the Environment through the International, Animal Health and Welfare Division within the Veterinary Affairs and Fisheries Department notifies all those concerned that due to an outbreak of Bluetongue disease in Spain, Portugal, the Netherlands and Belgium, the importation of live ruminants is being restricted according to Commission Decision 2006/572/EC amending Decision 2005/393/EC.

Further information may be obtained from the Border Inspection Post Inspectorate Services on telephone number 21650393, fax 21360573.

25th August, 2006

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2006
Jannar	107.06
Frar	107.70
Marzu	109.05
April	110.32
Mejju	110.89
Ġunju	110.52
Lulju	109.95

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	*Ġunju 2006*	*Lulju 2006*	*Effett fuq l-Indiċi*
Ikel			
Ħaxix	94.52	100.28	0.06
Ħwejjeġ u Żraben			
Ħwejjeġ ta' l-irġiel	94.78	88.41	-0.09
Ħwejjeġ tas-subien	101.63	87.31	-0.12
Ħwejjeġ tan-nisa	91.15	76.51	-0.28
Ħwejjeġ tal-bniet	99.63	80.12	-0.19
Żraben tan-nisa	95.13	79.73	-0.17
Trasport u Komunikazzjoni			
Servizzi ta' trasport bl-ajru	109.33	114.48	-0.25

RETAIL PRICES INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2006
January	107.06
February	107.70
March	109.05
April	110.32
May	110.89
June	110.52
July	109.95

Items causing most change:–

Items	*June 2006*	*July 2006*	*Effect on Index*
Food			
Vegetables	94.52	100.28	0.06
Clothing and Footwear			
Men's outwear	94.78	88.41	-0.09
Boys' outwear	101.63	87.31	-0.12
Women's outwear	91.15	76.51	-0.28
Girls' outwear	99.63	80.12	-0.19
Women's footwear	95.13	79.73	-0.17
Transport and Communication			
Air transport services	109.33	114.48	0.25

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultat ta' Intervista għall-Post ta' *Technical Officer* fil-*Plant Health,* Dipartiment ta' l-Agrikoltura fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-25 ta' Awissu, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn fuq numru tat-telefon 25992581, jew email lil csmu@gov.mt

Il-ħlas dovut meta jintefgħu l-offerti u jkun pagabbli lill-MITTS Ltd. Kull offerta li tintbagħat b'ċekk li ma jiġix onorat tiġi invalidata.

Il-25 ta' Awissu, 2006

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

The Chief Executive Officer, Malta Information Technology and Training Services Ltd., notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, up to noon of Tuesday, 26th September, 2006, for:-

Advt. No. M381/06 Provision and delivery of a team building programme to MITTS Ltd.

Tenders should be in sealed envelopes and marked "Provision and Delivery of a Team Building Programme to MITTS LTD, M381/06".

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITTS Ltd website http://www.mitts.gov.mt. A printed copy can be obtained through an email sent to csmu@gov.mt for a fee of Lm15.

Further information be be obtained from telephone number 25992581, or an email to csmu@gov.mt.

Payments for a submission must be effected when submitting the tender and must be payable to MITTS Ltd. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

25th August, 2006

DIPARTIMENT GĦALL-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Id-Direttur, Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal xiri ta' żewġ *tilting boiling pans* għal kċina fir-Residenza San Vinċenz de Paule, Ħal Luqa.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti, li flimkien mal-kundizzjonijiet u dokumenti oħra relevanti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-25 ta' Awissu, 2006

DEPARTMENT FOR THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

The Director, Department for the Elderly and Community Care, notifies that sealed tenders will be received up to Friday, 22nd September, 2006, for the purchase of two tilting boiling pans for main kitchen at St. Vincent de Paule Residence at Luqa.

Tenders should be made only on the prescribed forms, which together with the relative conditions and other documents are obtained on application at the Department for the Elderly and Community Care, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

25th August, 2006

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1186. Xogħlijiet ta' aluminju fil-*Junior College* fl-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10.50 (inkluża l-VAT) għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kondizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u Provvisti, Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 316A, Bni ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Settembru, 2006, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

Il-25 ta' Awissu, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 20th September, 2006 for:-

Advt. No. UM/1186. Aluminium works at the Junior College at the University of Malta.

A document of Lm10.50 (inclusive of VAT) should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 316A, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 20th September, 2006 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

25th August, 2006

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 59-06. Provvista ta' servizzi ta' sapport għat-teknoloġija ta' l-informazzjoni għall-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, is-7 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 46-06. Modernizzar u żebgħa fl-Iskola Primarja, Hal Lija.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. FTS 70-06. Provvista, manifattura u stallazzjoni ta' *stainless steel railings* fl-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, in-Naxxar.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 6th September, 2006, for:-

Advt. No. FTS 59-06. Provision of information technology support services for the Foundation for Tomorrow's Schools.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 7th September, 2006, for:-

Advt. No. FTS 46-06. Refurbishment and painting at the Primary School, Lija.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Advt. No. FTS 70-06. Supply, manufacture and installation of stainless steel railings at the Giovanni Curmi Higher Secondary School, Naxxar.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis f'nofsinhar.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-25 ta' Awissu, 2006

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Thursday at noon.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

25th August, 2006

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf li:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. Nru. Qt 13/2006. Provvista ta' biljetti ta' l-ajru *(group bookings)*.

Malta - London (Gatwick) - Malta, tluq 9 ta' Settembru 2006 ritorn 16 ta' Settembru 2006

Malta - London (Heathrow) - Malta, tluq 1 ta' Marzu 2007 ritorn 6 ta' Marzu 2007

Il-kwotazzjonijiet kollha għandhom jiġu sottomessi f'*envelope* magħluq. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-kwotazzjonijiet kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Pembroke jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha, anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Il-25 ta' Awissu, 2006

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Friday, 1st September 2006, for:-

Quot. No. Qt. 13/2006. Supply of air tickets (group bookings).

Malta - London (Gatwick) - Malta, depart 9th September 2006 return 16th September 2006

Malta - London (Heathrow) - Malta, depart 1st March 2007 return 6th March 2007

All quotations are to be submitted in sealed envelopes. Further information may be obtained from the Pembroke Local Council's Administrative Office, Triq Alamein, Pembroke, during office hours.

Quotations will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any quotation or part there of, even the most advantageous.

25th August, 2006

KUNSILL LOKALI MĠARR

Il-Kunsill Lokali Mġarr jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' Settembru 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 6/97. Knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 70/94. Ġbir ta' skart domestiku u kummerċjali.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 1/2006. Xiri ta' vettura.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-25 ta' Awissu, 2006

MĠARR LOCAL COUNCIL

The Mġarr Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 5th September 2006, for:-

Advt. No. 6/97. Street sweeping and grass cutting of urban roads.

A fee of Lm15 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 70/94. Collection of household and commercial waste.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 1/2006. Purchase of a vehicle.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Tenders may be collected from the Local Council's Administrative Offices, 22, Triq Sir Harry Luke, Mġarr, during office hours.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

25th August, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

Lista ta' persuni kkwalifikati biex joqogħdu u li għandhom iservu bħala Primi Ġurati u Ġurati Ordinarji fil-Qorti Kriminali matul ix-xahar ta' Settembru, 2006, skond l-artikolu 606 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9, Ediz. Riv.).

PRIM ĠURATI
Azzopardi Louis, Impjegat Ċivili, Sliema
Briguglio Anthony, Impjegat Ċivili, Qormi
D'Andrea David, Agricultural Officer, Sliema
Degiovanni David, Accountant, Swieqi
Dowdall Alfred, Engineer, Birżebbuġa
Mifsud Anthony, Impjegat Ċivili, Santa Venera
Scerri Francis, Senior Messenger, Tarxien
Scicluna Raymond, Impjegat Ċivili, San Ġwann
Vassallo Saviour, M Phil, Rabat
Xuereb Francis, Supervisor, Sliema

ĠURATI ORDINARJI
Aquilina Godwin, Clerk B.O.V., Naxxar
Aquilina Lawrence, Impjegat Ċivili, Munxar (Għawdex)
Attard Emanuel, Impjegat Ċivili, Pietà

List of persons duly qualified and subject to serve as Foreman and Jurors in the Criminal Court during the month of September, 2006, in terms of section 606 of the Criminal Code (Cap. 9, Rev. Ed.).

Bonnici Bernard, Impjegat Ċivili, Żabbar
Bonnici Carmel, Photo Setter, Żejtun
Borg Lorine, B Sc Comm Therapy, San Lawrenz (Għawdex)
Buttigieg Lawrence, Senior Architect & Civ. Eng., Rabat
Camilleri Graziella, Skrivana, Żebbuġ
Camilleri Mariella, Registered Social Wkr, Santa Luċija
Camilleri nee Curmi Marisa, Supervisor, Mellieħa
Caruana Carmel, Pensjonant, Fgura
Caruana Claire, B Com, San Ġwann
Cefai Anthony, Technical Officer, Xewkija (Għawdex)
Church David, Yacht Builder, Fgura
Ciantar Annabile, Technical Officer, San Pawl il-Baħar
Dimech Debono Eucharist, Impjegat Ċivili, Gżira
Galdes James Manager, Tarxien
Galea Lucas Jason, Salesman, Santa Venera

Gatt Daniela (Daniela-Roberta) Speech Therapist, Żebbuġ
Gatt Salvino, Head, Birżebbuġa
Gerada Mark Anthony, Computer Programmer, Gżira
Ghigo Darren James, Clerk B.O.V., San Ġwann
Giordano Aldo, Senior Executive, Balzan
Giordmaina Adrian,University Student, Rabat
Girard Anna, B Psych, Sliema
Inglott David, Jeweller, San Ġwann
Mangion Mario, Impjegat Ċivili, Siġġiewi
Manicolo Mark Anthony, Skrivan, Żejtun
Martinelli Carmelo, Nutar Pubbliku, LL.D., Luqa
Mercieca Maureen, Impjegat Ċivili, Rabat (Għawdex)
Micallef Joseph, Skrivan, Xagħra (Għawdex)
Mizzi Alexander, Impjegat Ċivili, Żabbar
Roberts Herber,t Student, Żabbar
Tabone Elaine, Second Secretary, Rabat
Tirchett neè Cassar Rita, Impjegat Ċivili, Żabbar
Xerri Mario, B Com (Hons), Xewkija (Għawdex)
Xuereb Amanda, Student, Santa Luċija
Xuereb Charles, Impjegat Ċivili, Bormla
Xuereb neè Pace Marilou, Sen. Physio, San Ġwann
Zammit Josephine, Impjegat Ċivili, Tarxien

Reġistru tal-Qrati Superjuri, Valletta, illum, il-Ħamis, 3 ta' Awissu, 2006.

(Ft.) JOHN FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali

Registry of the Superior Courts, Valletta, today, Thursday, 3rd day of August, 2006.

(Sgd.) JOHN FARRUGIA
f/Registrar Courts and Criminal Tribunals

1261

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Lulju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4385/05, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Gusman Eugenio (ID 34659M) u Gusman Carmen (ID 721161M) ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Illum 13 ta' Ottubru 2005.

Lil: Guzman Eugenio (ID 346759M)
Guzman Carmen (ID 721161M)
61, Triq il-Qasam Sperimentali, Luqa.

Notifika kull wieħed.

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali s-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta ġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li intom tinsabu morużi fil-pagamenti ta' self lilkom mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak, LL.D. datat 27 ta' Mejju 2002, fl-ammont ta' elf ħames mija u żewġ Liri Maltin u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm1,502.21).

Ai termini ta' l-istess kuntratt intom titilfu l-benefiċċju tat-terminu mogħti lilkom u l-bilanċ intier ta' tnejn u għoxrin elf disa' mija u seba' Liri Maltin u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm22,907.98) oltre l-imgħaxijiet isir dovut jekk ma ġġibux il-pagamenti arretrati in regola fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' din l-ittra.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 31st July 2006, in the records of the judicial letter number 4385/05 in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Gusman Eugenio (ID 34659M) and Gusman Carmen (ID 721161M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap.12.

In the First Hall Civil Court

Today 13th October 2005.

To: Guzman Eugenio (ID 346759M)
Guzman Carmen (ID 721161M)
61, Qasam Sperimentali Street, Luqa.

Separate Service

By the present judicial letter the company HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 116, Archbishop Street, Valletta brings to your formal notice the fact that you are in delay in the payment of loan given to you in virtue of a contract in the records of Notary Nathalie Pace Asciak LL.D., dated 27th May 2002, in the amount of one thousand five hundred and two Maltese Liri and twenty one cents (Lm1,502.21).

In terms of the same contract you loose the benefit of time given to you and the entire balance of twenty two thousand nine hundred and seven Maltese Liri and ninety eight cents (Lm22,907.98) besides interest shall become due if you do not brings the arrears up to date within fifteen (15) days from the date of service of this letter.

This letter serves also to interrupt prescription and is thus

għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini ta' l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 21 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 21st August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1262

Ikun jaf kulħadd illi il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Lulju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċ jali numru 497/06 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc (C 13177) vs Mason Steven (Canadian Passport Number PC 420375) u Mason Doreen (ID 404770M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3)tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 16 ta' Frar 2006.

Lil Mason Steven Canadian Passport Number PC 420375) u Mason Doreen (ID 404770M) 34, N Copernicus Street, il-Kortin, il-Mellieħa.

Notifika kull wieħed.

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 116 Archbishop Street, Valetta jirreferilkom għall-kuntratt ta' self u kompro vendita fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 10 ta' Mejju 2001, u jinterpellakom sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum intom tħallsu s-somma ta' mija u tnejn u ħamsin elf mitejn u tnejn u tletin Lira Maltin u żewġ ċenteżmi (Lm152,232.02) dovuta a tenur ta' l-istess kuntratt oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8 % fis-sena mis-6 ta' Jannar 2006, sad-data tal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' ħlas, il-Bank mittenti javżakom li se jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tiegħu mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u hija intiża sabiex tirrendi l-kuntratt nutarili hawn fuq imsemmi eżegwibbli, liema kuntratt jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skond l-artikolu 253(B) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 14th July 2006, in the records of the judicial letter number 497/06,in the names HSBC Bank Malta plc (C 13177) vs Mason Steven (Canadian Passport Number PC 420375) and Mason Doreen (ID 404770M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 16th February 2006

To Mason Steven (Canadian Passport Number PC 420375 and Mason Doreen (ID 404770M) 34, N Copernicus Street, il-Kortin, Mellieħa.

Separate Service.

By the present judicial letter, HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 116 Archbishop Street, Valletta refers you to the contract of loan and sale in the records of Notary Anthony Abela dated 10th May 2001, and calls upon you so that within seven day from today you pay the sum of one hundred and fifty two thousand two hundred and thirty two Maltese Liri and two cents (Lm152,232.02) due in terms of the same contract besides legal interest at 8% per annum from the 6th January 2006, till the date of effective payment.

Failing payment, the interpellant Bank warns you that further Court action shall be taken against you in execution of their executive title without any other prior notice.

This judicial letter is being sent in terms of article 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12) and in intended to render the notarial contract above mentioned executable, which contract constitutes an executive title according to article 253(B) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta).

So much so that you may know how to regulate yourselves.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 21st August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1263

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-2 ta' Awissu 2006, minn Carmela mart Anthony Chircop, Rikors numru 523/2006, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuha favur tagħha u ta' ħutha Theresa mart Ugo Charles Camilleri, Joseph, Cristina armla ta' George Abela, Gaetano, Rose mart George Briffa, Maria Dolores magħrufa bħala Doris mart Michael Portelli, aħwa Azzopardi, u dan fi kwota ta' settima parti (1/7) kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' missierha George Azzopardi, armel minn Carmela Azzopardi, bint il-mejtin Gaetano Azzopardi u Cristina neé Vella, imwieled u kien joqgħod Ħal Qormi u miet Pietà, fl-20 ta' Frar 2006 ta' 81 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 236724(M) li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex ikun mgħarraf kull min jista' jkollu x' jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by an application filed in the Civil Court (Volontary Jurisdiction Section) on the 2nd August 2006, by Carmela wife of Anthony Chircop, Application number 523/2006, whereby she asked that it be declared open in her favour and of her sisters and brothers, Theresa wife of Ugo Charles Camilleri, Joseph, Cristina widow of George Abela, Gaetano, Rose wife of George Briffa, Maria Dolores known as Doris wife of Michael Portelli, brothers and sisters Azzopardi, and this in the quota of one-seventh (1/7) part each the SUCCESSION of her father George Azzopardi, widower of Carmela Azzopardi, daughter of the late Gaetano Azzopardi and Cristina neé Vella, born and residing in Qormi, and died in Pietà on the 20th February 2006, aged 81, intestate, and who had identity card number 236724(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1264

Ikun jaf illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Lulju 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 1122/05 FS, fl-ismijiet Direttur ta' l-Artijiet vs Carmel Dimech Diff. 11 ta' Ottubru 2006, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carmel Dimech, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Id-Direttur ta' l-Artijiet, ippreżenta Ċitazzjoni fit-23 ta' Novembru 2005, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Carmel Dimech, fejn talab għahekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi, ai termini l-Artikolu 1517 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

1. Tiddikjara l-ħall tal-konċessjoni enfitewtika indikata.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 31st July 2006, in the records of the Writ of Summons number 1122/05 FS, in the names Director of Lands vs Carmel Dimech, Put off 11th October 2006, ordered the following publication for the purpose of service of Carmel Dimech, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

The Director of Lands filed a Writ of Summons on the 23rd November 2005, in the First Hall Civil Court, against Carmel Dimech, whereby he asked the defendant why this Honourable Court should not for the reasons premised, in terms of Article 1517 of Chapter 16 of the Laws of Malta;

1. Declare the dissolution of the empytheutical concession indicated.

2. Tikkundanna lill-konvenut irodd lura l-fond lill-attur, bil-miljoramenti.

3. Tikkundannah ukoll ai termini l-Artikolu 1519 subinċiż (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, iħallsu ċ-ċens kollu dovut mill-11 ta' Novembru 1988, sallum u cioè s-somma ta' elf tliet mija u tnejn u ħamsin liri Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm1,352.70).

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali, kontra l-konvenut, li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Notifiki: (1) Carmel Dimech,
'Our Nest' Triq l-Indipendenza,
Żebbuġ ZBG 06.

Il-kawża hawn fuq imsemmija Ċitazzjoni Numru 1122/2005 FS, fl-ismijiet Id-Direttur tal-Artijiet vs Dimech Carmel tinsab differita għall-11 ta' Ottubru 2006, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Condemn the defendant to return the premises to the plaintiff with the ameliorations.

3. Condemn him also in terms of Article 1519 subarticle (1) of Chapter 16 , of the Laws of Malta, to pay all the groundrent due from the 11th November 1988, till this day and that is the sum of one thousand three hundred and fifty two Maltese Liri and seventy cents (Lm1,352.70).

With costs and legal interest, against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Notify: (1) Carmel Dimech,
'Our Nest' Independence Street,
Żebbuġ ZBG 06.

The cause above mentioned Writ of Summons Number 1122/2005 FS in the names Director of Lands vs Dimech Carmel has been put off to the 11th October 2006, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts today 22nd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1265

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, l-istess Onorabbli ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-10 ta' Awissu 2006 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ordnat li ssir l-aċċess fil-villa 'fully detatched' bl-isem 'Villa Morangie' bin-numru uffiċjali erbgħa u ħamsin (54) fi Triq ix-Xagħra ta' Barra, Mellieħa, proprjetà ta' Reno Francis Sammut u martu Haley Jane Sammut u li għandu jsir mill-A.I.C. Guido Vella bi żgass nhar it-Tnejn 28 ta' Awissu 2006 fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-21 ta' Awissu, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

It is hereby notified that by a decree given by the Honourable First Hall of the Civil Court, the said Honourable Court ordered that the extract hereunder shown be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta).

By decree given by the Civil Court First Hall on 10th August, 2006 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c. the Court ordered that an on-site inspection at the fully detatched villa named 'Villa Morangie' officially numbered fifty-four (54) in Triq ix-Xagħra ta' Barra, Mellieħa is to be conducted by Guido Vella A.&C.E. and access is to be obtained by forced entry on Monday, 28th August 2006 at-10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, this 21st day of August, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1266

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi b' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)fit-12 ta' Ottubru 2005, minn Arthur Pisani, Rikors numru 688/2005, fejn talab li tiġi iddikjarata miftuħa kollha favur tiegħu s-SUĊĊESSJONI ta' missieru Francis Pisani, bin il-mejtin Emanuele Pisani u Stella neé Ellul, imwieled Żabbar, kien joqgħod Bormla u miet Pietà fl-10 ta' April 2000, ta' 55 sena u kellu karta ta' l-identità numru 746744(M) u li miet intestat u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x' jaqsam.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 24 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 12th October 2005, by Arthur Pisani, Application number 688/2005, whereby he asked that it be declared open all in his favour the SUCCESSION of his father Francis Pisani, son of the late Emanuele Pisani and Stella neé Ellul, born in Zabbar, who resided in Bormla and died in Pietà on the 10th April 2000, aged 55 and who had identity card number 746744(M) and who died intestate and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 24th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1267

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Lulju 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 518/95 AJM, fl-ismijiet Francis Zahra et vs Carmel sive Charles Pace, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Carmel sive Charles Pace a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti ta' l-Appell

Ċitazzjoni Numru 518/95 AJM

Francis Zahra u b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2000 Charles Azzopardi ġie ammess fil-kawża bħala parti interessata; u b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2001 ġew maħtura Dr. Tonio Azzopardi u P.L. Liliana Buhagiar biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' l-attur li miet fil-mori tal-kawża

vs

Carmel sive Charles Pace u b' digriet tat-3 ta' Ġunju 1996 Dr. Louis Bianchi għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited bħala rappreżentanti tas-soċjetà assikuratriċi estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation PLC tintervjeni fil-kawża 'in statu et terminis' u permezz ta' nota ppreżentata fid-19 ta' Jannar 2001 Gasan Mamo Insurance Agency Limited qed tassumi l-atti bħala intervenutA fil-kawża flok Dr. Louis Bianchi għan-nom ta' Gasan Insurance Agency Limited.

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 31st July 2006, in the records of the Writ of Summons Number 518/95 AJM, in the names Francis Zahra et vs Carmel sive Charles Pace, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Carmel sive Charles Pace in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Appeal

Writ of Summons Number 518/95 AJM

Francis Zahra and by decree of the 21st June 2000 Charles Azzopardi was admitted into the cause as an interested party; and by decree of the 8th June 2001 Dr. Tonio Azzopardi and L.P. Liliana Buhagiar were appointed to represent the vacant inheritance of the plaintiff who died during the proceedings

vs

Carmel sive Charles Pace and by decree of the 3rd June 1996 Dr. Louis Bianchi in the name and in representation of the firm Gasan Insurance Agency Limited as representatives of the foreign insurance company General Accident Fire & Life Assurance Corporation PLC intervened in the cause 'in statu et terminis' and by means of a note filed on the 19th January 2001 the cause was assumed by GasaN Mamo Insurance Agency Limited who intervened in the cause instead of Dr. Louis Bianchi on behalf of Gasan Insurance Agency Limited.

Rikors tal-kuraturi Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuraturi Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2001 ġew maħtura biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' l-attur Francis Zahra li miet fil-mori tal-kawża.

Jesponu bir-rispett:

Illi b'sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta' Marzu 2006, l-appell ta' l-esponenti Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar fil-kwalità tagħhom premessa ġie miċħud 'b'dan li l-ispejjeż relattivi għall-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif ġa deċiżi fis-sentenza appellata filwaqt li dawk relattivi għall-appell ikunu kollha a karigu ta' l-appellanti'.

Illi huwa prinċipju stabbilit li l-kuraturi deputati ma jħallsux spejjeż ġudizzjarji, fl-ebda każ, la spejjeż tar-Reġistru u lanqas spejjeż ġudizzjarji jew drittijiet oħra. Il-Kuraturi eżenti wkoll mill-ħlas tal-kawtela, bħal ma ġara fil-każ odjern. Anke fejn is-somma dovuta lir-Reġistru tiġi indikata fit-taxxa, ir-Reġistratur tal-Qorti ma jibgħatx kont lill-kuraturi. Dan kollu jsegwi mill-prinċipju bażilari illi d-drittijiet tal-kuraturi jitħallsu minn min ikun talab in nomina tagħhom - f'dan il-każ GasanMamo Insurance Agency Limited. Il-mittenti ma jafu b'ebda każ fejn il-kuraturi jħallsu spejjeż, jew ma tħallsux id-drittijiet tagħhom minn min ikun talab il-ħatra tagħhom.

Illi f'dan il-każ, is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited qed tirrifjuta li tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji konnessi ma' l-appell tal-kuraturi. B'konsegwenza ta' dan GasanMamo Insurance Limited qed tirrifjuta li tħallas il-kont mibgħut lilha mill-kreditur Charles Azzopardi u qed tirrifjuta li tħallas id-drittijiet tal-kuraturi fi grad ta' appell.

In vista ta' dan, diga inħareġ mandat ta' sekwestru numru 135/2006 mill-kreditur Charles Azzopardi kontra ż-żewġ kuraturi Dr. Tonio Azzopardi u P.L. Liliana Buhagiar fil-kwalità tagħhom premessa.

Illi mhux sew illi d-drittijiet tal-kuraturi fl-istadju ta' l-appell ma jitħallsux minn min għamel it-talba għan-nomina ta' kuraturi u li l-kuraturi jiġu addossati bl-ispejjeż ġudizzjarji ta' parti oħra fil-kawża u saħansitra jinħareġ mandat ta' sekwestru kontra tagħhom. Hemm skorta ta' deċiżjonijiet li jgħidu li l-ispejjeż tal-kuraturi huma a karigu ta' min ikun talab in-nomina tagħhom, f'dan il-każ in-nomina ntalbet minn GasanMamo Insurance Agency Limited.

Illi l-ebda avukat jew prokuratur legali ma jaċċetta li jaġixxi bħala kuratur jekk ikollu joħroġ flus personali biex iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji; fl-istess ħin, mhix ħaġa sewwa li l-parti li tkun talbet il-ħatra ta' kuraturi (GasanMamo Insurance Limited) tirrifjuta li tħallashom id-drittijiet dovuti lilhom talli ma għoġbithiex l-idea li huma jappellaw mis-

Application of the curators Dr. Tonio Azzopardi and Legal Procurator Liliana Buhagiar who by decree of the 8th June 2001 were appointed to represent the vacant inheritance of the plaintiff Francis Zahra who died during the cause.

Plead with respect:

That in virtue of a judgement given by this Honourable Court on the 3rd March 2006, the appeal of the applicant Dr. Tonio Azzopardi and L.P. Liliana Buhagiar in their capacity premised was rejected 'and the expenses relative to the first instance are to remain as decided in the judgement appealed whilst those of the appeal are to be at the charge of the appellants'.

That it is an established principle that deputy curators to not pay judicial expensesġ in any case, nor Registry fees nor judicial expenses or other fees. The Curators are also exempt from the payment of surety, as happened in the present case. Even where the sum due as Registry fee is indicated in the Taxed bill, the Registrar of Courts does not send the bill to the Curators. All this follows from the basic principle that the rights of curators are paid by the party who asks for their appointment- in this case GasanMamo Insurance Agency Limited. The interpellants know of no case whereby the curators pay expenses, or do not pay their fees from the person who has asked for their appointment.

That in this case the company GasanMamo Insurance Limited is refuting to pay the judicial expenses in connection with the appeal of the curators. As a consequence of this GasanMamo Insurance Limited is refuting to pay the bill sent to it be the creditor Charles Azzopardi and is refusing to pay the fees of the curators at the appeal stage.

In view of this, a garnishee order number 135/2006 has already been issued by the creditor Charles Azzopardi against two curators Dr. Tonio Azzopardi and L.P. Liliana Buhagiar in their capacity premised.

It is not right that the fees of curators at the appeal stage are not paid from the person who has made the call for the appointment of curators and the curators be burdened with the judicial expenses of another party in the cause and a garnishee order be issued against them. There is a list of judgements which state that the curators's expenses are at the charge of the person asking for their appointment, in this case the appointment was asked by GasanMamo Insurance Agency Limited.

That no lawyer or legal procurator accepted to act as curator if he shall have to personally fork out money to pay the judicial costs; at the same time, it is not right that the part that has asked for the appointment of curators (GasanMamo Insurance Limited) refutes to pay the fees due to them because it did not like the idea that they appeal from the judgement

sentenza tal-Prim'istanza, meta huma ħassew il-ħtieġa li jagħmlu ħekk. Inoltre, is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited qed timminaċjahom li se toħroġ hija wkoll mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra tagħhom.

Għaldaqstant l-esponenti Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratriċi Legali Liliana Buhagiar jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, tipprovdi fuq dan ir-rikors illi drittijiet u spejjeż tal-kuraturi għandhom jitħallsu mis-soċjetà GasanMamo Insurance Limited nonostante li din l-Onorabbli Qorti ordnat 'li dawk relattivi għall-appell ikunu kollha a karigu ta' l-appellanti.' L-esponenti jissottomettu umilment illi jista' jkun ta' utilità li din l-Onorabbli Qorti tisma' lid-difensuri tal-partijiet waqt seduta.

Avv. Tonio Azzopardi P.L. Liliana Buhagiar.

Fil-Qorti ta' l-Appell

S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano, LL.D.

Onor Imħallef Joseph D. Camilleri, LL.D.

Onor. Imħallef Joseph A Filletti, B.A., LL.D., A.R. HIST. S.

Ċitazz Numru 518/95 AJM

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Tordna n-notifika tiegħu lill-konvenuti bi żmien ħmistax-il ġurnata għal risposta.

Illum 23 ta' Ġunju 2006.

Dep. Reġ.

Notifika Affissjoni: 1. Carmelo sive Charles Pace, 122, Triq San Gaetano, Ħamrun.
2. Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun.
3. Kunsill Lokali tal-Ħamrun.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli Superjuri), illum 23 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of First Instance, when they felt the need to do so. Furthermore, the company GasanMamo Insurance Limited is threatening them to issue an executive garnishee order against them.

Thus the applicant Dr. Tonio Azzopardi and Legal Procurator Liliana Buhagiar pray with respect that this Honourable Court, provides regarding, this application that the fees and expenses of the curators are to be paid by the company GasanMamo Insurance Limited not withstanding that this Honourable Court ordered 'that those relative to the appeal are to be all at the charge of the appellants'. The applicants humbly submit that it can be useful that this Honourable Court hears the defence counsel of the parties during a sitting.

Advocate Tonio Azzopardi P.L. Liliana Buhagiar.

In the Court of Appeal

His Honour the Chief Justice Vincent De Gaetano, LL.D.

Hon. Mr. Justice Joseph D. Camilleri, LL.D.

Hon. Mr. Justice Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., A.R. HIST.S.

Writ of Summons 518/95 AJM

The Court,

Having seen the application;

Orders that it be served upon the defendants who are to file a reply within fifteen days.

Today 23rd June 2006.

Dep. Reg.

Service by Posting: 1. Carmelo sive Charles Pace, 122, San Gaetano Street, Ħamrun.
2. Police Station, Ħamrun.
3. Local Council Ħamrun.

Registry of the Superior Courts (Superior Appeals), today 23rd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*